



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 10 ta' Lulju 2009 (13.07)
(OR. en)**

**11225/2/09
REV 2**

CONCL 2

NOTA TA' TIFSIR

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSELL
18/19 TA' ĠUNJU 2009**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni riveduta tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell (18/19 ta' Ġunju 2009).

F'nofs l-akbar riċessjoni globali mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn il-Kunsill Ewropew għal darba oħra wera d-determinazzjoni tal-Unjoni biex tissupera d-diffikultajiet preżenti u biex tħares lejn il-futur billi tiegħu għadd ta' deċiżjonijiet maħsuba biex jiffaċċjaw b'mod rapidu u effettiv, firxa wiesgħa ta' sfidi.

Filwaqt li huma konvinti li t-Trattat ta' Lisbona ser jipprovdi qafas aħjar għal azzjoni mill-Unjoni f'numru kbir ta' oqsma, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu dwar garanziji legali maħsuba biex iwiegħbu għat-tħassib tal-poplu Irlandiż, u b'hekk titwitta t-triq biex huma jkunu jistgħu jergħu jkunu kkonsultati dwar it-Trattat. Il-Kapijiet ħadu wkoll l-ewwel passi fil-proċess ta' għażla tal-President tal-Kummissjoni li jmiss.

Il-kriżi ekonomika tibqa' ta' importanza ferm kbira għaċ-ċittadini. Il-miżuri sinifikanti li ttiegħdu s'issa b'appoġġ għas-settur bankarju u l-ekonomija reali usa' kienu ta' suċċess fil-prevenzjoni ta' kollass finanzjarju u biex jibdew jiġu restawrati l-prospetti għal tkabbir reali. Il-Kunsill Ewropew ħa numru ta' deċiżjonijiet maħsuba biex iwasslu għall-ħolqien ta' struttura ġdida ta' sorveljanza finanzjarja bil-għan li titħares is-sistema finanzjarja Ewropea minn riskji futuri u jkun żgurat li l-iżbalji tal-imġhoddi qatt ma jergħu jsiru. L-ewwel prijorità għandha tkun li jkunu trattati l-effetti tal-kriżi fuq l-impjieg billi persuni jingħataw għajnuna biex jibqgħu fl-impjieg jew isibu mpjiegi ġodda.

Il-ġlieda b'suċċess kontra t-tibdil fil-klima ser tikkontribwixxi wkoll biex nersqu lejn ekonomija sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Il-Kunsill Ewropew ħa aktar passi biex isawwar il-pożizzjoni tal-UE għall-Konferenza ta' Kopenhagen dwar it-Tibdil fil-Klima fi tmiem is-sena. Huwa ta sinjal qawwi dwar l-intenzjoni tiegħu biex iżomm rwol ewlieni f'dan il-proċess u appella lill-kumplement tal-Komunità internazzjonali biex tagħti s-sehem sħiħ tagħha sabiex ir-riżultat f'Kopenhagen ikun wieħed ta' suċċess u ambizzjuż.

Il-mexxejja Ewropej esprimew tħassib kbir dwar is-sitwazzjoni drammatika fiż-żona tal-Mediterran u qablu dwar numru ta' miżuri sabiex jgħinu lill-Istati Membri li huma l-aktar esposti biex iwiegħbu għall-influss tal-immigranti illegali u biex jimpedixxu aktar traġedji umani.

Ir-rwol tal-UE fid-dinja tibqa' ta' interess partikolari għall-mexxejja Ewropej. Il-mexxejja Ewropej issottolinjaw l-importanza strateġika ta' relazzjonijiet transatlantiċi u laqgħu t-tnedija tas-Sħubija tal-Lvant. Huma enfasizzaw ukoll li l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani jibqa' prijorità ewlenija għall-UE fl-2009. Il-Kunsill Ewropew irrikonferma l-importanza kbira tal-istabbiltà u s-sigurtà fl-Afganistan u fil-Pakistan u fir-reġjun usa'. Il-Kunsill Ewropew adotta dikjarazzjonijiet dwar l-Iran u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea. F'dikjarazzjoni dwar il-Burma/Mjanmar il-mexxejja talbu għar-rilaxx immedjat u bla kondizzjonijiet ta' Aung San Suu Kyi.

o
o o

Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet ippreċeduta minn preżentazzjoni mis-Sur Hans-Gert Pöttering, President tal-Parlament Ewropew, li kienet segwita minn skambju ta' fehmiet. Il-Kunsill Ewropew irringrazzja mill-qalb lis-Sur Pöttering tal-ħidma li saret tul il-mandat tiegħu bħala President tal-Parlament Ewropew.

o
o o

I. Kwistjonijiet istituzzjonali

L-Irlanda u t-Trattat ta' Lisbona

1. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona jeħtieġ ir-ratifika minn kull wieħed mis-27 Stat Membru skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. Huwa jirriaferma xewqatu li jara t-Trattat fis-seħħ sa tmiem l-2009.
2. Wara li nnota sewwa t-tħassib tal-poplu Irlandiż kif espress mit-Taoiseach, l-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu tal-11-12 ta' Diċembru 2008, qabel li, dment li t-Trattat ta' Lisbona jidħol fis-seħħ, tittieħed deċiżjoni, skont il-proċeduri legali meħtieġa, sabiex il-Kummissjoni tkompli tinkludi ċittadin wieħed ta' kull Stat Membru.
3. Il-Kunsill Ewropew qabel ukoll li tħassib ieħor tal-poplu Irlandiż, kif ippreżentat mit-Taoiseach, rigward il-politika dwar it-tassazzjoni, id-dritt għall-ħajja, l-edukazzjoni u l-familja, u l-politika tradizzjonali tal-Irlanda dwar in-newtralità militari, ikun indirizzat għas-sodisfazzjon reċiproku tal-Irlanda u tal-Istati Membri, permezz tal-garanziji legali meħtieġa. Inqabel ukoll li tkun ikkonfermata l-importanza kbira mogħtija lil numru ta' kwistjonijiet soċjali, inkluż id-drittijiet tal-ħaddiema.

4. F'dan l-isfond, il-Kunsill Ewropew qabel dwar is-sett ta' arranġamenti li ġejjin, li huma kompatibbli għal kollox mat-Trattat, sabiex jipprovdi rassigurazzjoni u biex jirrispondi għat-tħassib tal-poplu Irlandiż:
- (a) id-Deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill Ewropew, dwar it-tħassib tal-poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona (Anness 1);
 - (b) Dikjarazzjoni Solenni dwar id-Drittijiet tal-Ħaddiema, il-Politika Soċjali u kwistjonijiet oħra (Anness 2).

Il-Kunsill Ewropew ikkunsidra wkoll id-dikjarazzjoni unilaterali tal-Irlanda (Anness 3), li ser tkun assoċjata mal-istrument ta' ratifika Irlandiż tat-Trattat ta' Lisbona.

5. Rigward id-Deċiżjoni fl-Anness 1, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddikjaraw li:
- (i) din id-Deċiżjoni tagħti garanzija legali li ċertu kwistjonijiet ta' tħassib għall-poplu Irlandiż ma jkunux affettwati mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona;
 - (ii) il-kontenut tagħha huwa kompatibbli għal kollox mat-Trattat ta' Lisbona u ma tkun titlob l-ebda ratifika mill-ġdid ta' dak it-Trattat;
 - (iii) id-Deċiżjoni torbot legalment u ser ikollha effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona;
 - (iv) waqt il-konklużjoni tat-Trattat ta' adeżjoni li jmiss, huma ser jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni annessa fi Protokoll li għandu jinhemeż, skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

- (v) il-Protokoll bl-ebda mod mhu ser jibdel ir-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha. L-uniku għan tal-Protokoll ser ikun li jingħata status sħiħ tat-Trattat lill-kjarifiki mniżżla fid-Deċizzjoni biex jingħata każ tat-tħassib tal-poplu Irlandiż. L-istatus tiegħu mhux ser ikun differenti minn kjarifiki simili fi Protokolli miksuba minn Stati Membri oħra. Il-Protokoll ser jiċċara iżda mhux ser jibdel la l-kontenut u lanqas l-applikazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona.

Nomina tal-President tal-Kummissjoni

6. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu unanimament dwar l-isem tas-Sur José Manuel DURÃO BARROSO bħala l-persuna li huma għandhom l-intenzjoni li jinnominaw bħala President tal-Kummissjoni Ewropea għall-perijodu 2009-2014.
7. Il-Prim Ministru tar-Repubblika Ċeka u l-Prim Ministru tal-Isvezja, bħala l-President attwali u dak li jmiss tal-Kunsill Ewropew, ser ikollhom diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew sabiex jiddeterminaw jekk il-Parlament huwiex fpożizzjoni li japprova din in-nomina fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Lulju.
8. Fid-dawl ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Kunsill, fil-kompożizzjoni ta' Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 214(2) tat-Trattat KE, ser jifformalizza d-deċizzjoni tiegħu dwar in-nomina tal-persuna li huwa għandu l-intenzjoni li jaħtar bħala President tal-Kummissjoni.
9. Il-proċess ta' nomina tal-persuni l-oħra li ser jinħatru bħala membri tal-Kummissjoni jista' jinbeda biss meta tiġi ċċarata l-bażi legali għall-proċedura ta' nomina.

Miżuri transitorji rigward il-PE

10. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fid-Dikjarazzjoni tiegħu ta' Diċembru 2008 dwar miżuri transitorji rigward il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew. Huwa jaqbel li dawn il-miżuri transitorji jkunu jinkludu l-elementi deskritti fl-Anness 4. Ladarba l-kondizzjoni mniżżla fid-Dikjarazzjoni tiegħu ta' Diċembru 2008 tkun ġiet sodisfatta, il-Preidenza ser tiegħu l-miżuri meħtieġa biex timplimenta dawn il-miżuri.

II. Sitwazzjoni ekonomika, finanzjarja u soċjali

11. L-Unjoni Ewropea, bħall-bqija tad-dinja, għadha qed tiffaċċja l-effetti tar-riċessjoni l-aktar profonda u wiesgħa miż-żmien ta' wara l-gwerra. Huwa imperattiv għall-UE li tkompli tiżviluppa u timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tirrispondi għall-kriżi. Dan għandu jsir billi tibni fuq il-kisbiet importanti tal-aħħar xhur f'konformità mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku maqbul f'Diċembru li għadda, li ser jikkonsisti f'appoġġ baġitarju ġenerali ta' madwar 5% tal-PDG fl-2009/2010. Kif evidenzjat mir-rapport tal-Kunsill li jivvaluta l-miżuri ta' rilanċ nazzjonali (10771/09), il-miżuri sinifikanti meħuda mill-gvernijiet u l-banek ċentrali qed jikkontribwixxu biex jiġu limitati l-effetti negattivi tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u qed jgħinu biex jiġu salvagwardjati l-impjiegi. Huma jwittu t-triq ukoll għal rilanċ ekonomiku sostenibbli.
12. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-impenn qawwi tiegħu għal finanzi pubbliċi sodi u għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-iżviluppi futuri jibqgħu inċerti. Il-previżjoni ekonomika u baġitarja tal-Kummissjoni kmieni f'Mejju ser tkun diskussa mill-Kunsill (ECOFIN). Il-Kunsill Ewropew itenni d-determinazzjoni tiegħu li jagħmel dak li hu meħtieġ sabiex jiġu restitwiti l-impjiegi u t-tkabbir. Huwa importanti li l-konsolidazzjoni żżomm il-pass mal-irkupru ekonomiku. Hemm hteġġa ċara għal strateġija ta' ħruġ affidabbli u kredibbli, inter alia billi jittejjeb il-qafas fiskali fuq perijodu medju u permezz ta' linji politiċi ekonomiċi kkoordinati għall-perijodu medju.
13. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-adozzjoni tal-miżuri baġitarji ġodda fil-Latvja li jimmiraw lejn konsolidazzjoni fiskali mdaqqa f'din is-sena u f'li jmiss. Huwa jenfasizza li l-implimentazzjoni rigoruża tal-miżuri adottati flimkien ma' strateġija kredibbli għall-perijodu medju ser twassal għal eżitu pożittiv għall-programm ta' aġġustament attwali. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa bil-qawwa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi l-iżburżar rapidu tal-pagament li jmiss tal-appoġġ għall-bilanċ tal-pagamenti tal-Komunità fil-qafas tal-programm ta' aġġustament.

14. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni attwali dwar is-suq tal-prodotti tal-ħalib. Huwa stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta analiżi tas-suq dettaljata fix-xahrejn li ġejjin, inkluż alternattivi possibbli biex jiġi stabbilizzat is-suq tal-ħalib, filwaqt li tirrispetta l-eżitu tal-Verifika tas-Saħħa.

Bini ta' ordni ġdid fis-swieq finanzjarji

15. Ir-rapport tal-Kunsill dwar l-effettività tal-iskemi finanzjarji ta' appoġġ (10772/09 + ADD 1) jissottolinja kemm kienu kruċjali l-garanziji mill-istat u l-operazzjonijiet ta' rikapitalizzazzjoni fil-prevenzjoni ta' kollass tas-settur finanzjarju u kellhom rwol pożittiv fil-protezzjoni tal-interessi tad-depożitori. Permezz tal-appoġġ li taw għall-fluss tal-kreditu lejn l-ekonomija reali huma kkontribwew ukoll għall-protezzjoni tal-impjiegi.
16. Għalkemm din l-istrateġija koordinata fil-livell tal-UE kienet effettiva biex jiġu stabilizzati s-swieq finanzjarji, l-ambjent operattiv tal-istituzzjonijiet finanzjarji għadu ta' sfida u l-flussi tal-kreditu jibqgħu ristretti. Għalhekk jeħtieġ li l-gvernijiet jibqgħu attenti għal miżuri ulterjuri possibbli li jistgħu jkunu meħtieġa għar-rikapitalizzazzjoni jew it-tindif tal-karti tal-bilanċ. L-eżerċizzju li għaddej ta' ttestjar tal-istress fl-UE kollha ser jgħin biex issir valutazzjoni aħjar tar-reżistenza tas-sistema finanzjarja, isir kontribut għat-tisħiħ tal-fiduċja tas-swieq finanzjarji u jiffaċilita l-miżuri ta' politika kkoordinati fil-livell tal-UE. Jeħtieġ li kull azzjoni tkun konsistenti mal-prinċipji tas-suq uniku, tiżgura kondizzjonijiet ugwali u tieħu kont ta' strateġija ta' ħruġ kredibbli. Il-Kummissjoni hija mistiedna tkompli timmonitorja l-miżuri meħuda b'appoġġ tas-settur finanzjarju u biex tipprovdi aktar gwida dwar ir-ritorn tas-settur bankarju għall-vijabbiltà.
17. Il-kriżi finanzjarja wriet biċ-ċar li jeħtieġ titjib fir-regolazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji, kemm fl-Ewropa u globalment. L-indirizzar tal-fallimenti esposti mill-kriżi preżenti ser jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' dawk futuri. Huwa ser jgħin ukoll biex jirrestawra l-fiduċja fis-settur finanzjarju, partikolarment billi tittejjeb il-protezzjoni tad-depożitori u l-konsumaturi, u b'hekk ser jiġi ffaċilitat ir-rilanċ tal-ekonomija Ewropea.

18. Diġà nkiseb progress sinifikanti fit-titjib tal-qafas regolatorju tal-UE, partikolarment bil-ftehim li ntlaħaq dwar id-Direttiva dwar il-Ħtiġiet ta' Kapital, ir-Regolament dwar l-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu u d-Direttiva Solvenza II. Il-Kunsill Ewropew jappella biex isir aktar progress fir-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji, b'mod partikolari fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-fondi ta' investiment alternattivi, ir-rwol u r-responsabbiltajiet tad-depożitori u rigward it-trasparenza u l-istabbiltà tas-swieq tad-derivattivi. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaċċelleraw il-ħidma tagħhom u jagħmlu progress rapidu fir-rigward tal-ġlieda kontra l-effetti proċikliċi tal-istandards regolatorji, p.e. fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kapital u assi danneġġati. Huwa jistieden ukoll lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni malajr dwar ir-remunerazzjoni tal-eżekuttivi u dik fis-settur finanzjarju, b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni.
19. Il-komunikazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni fis-27 ta' Mejju 2009 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2009 stabbilixxew it-triq 'il quddiem għall-istabbiliment ta' qafas ġdid għas-superviżjoni makro u mikroprudenzjali. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-ħolqien ta' Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku li ser iwettaq monitoraġġ u jivvaluta t-theddid potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja u, fejn meħtieġ, jorog twissijiet ta' riskju u rakkomandazzjonijiet għal azzjoni u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Il-membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE ser jeleġġu l-presidenza tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku.

20. Il-Kunsill Ewropew jirrakkomanda wkoll li tiġi stabbilita Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji li tkun komposta minn tliet Awtoritajiet Ewropej ta' Superviżjoni (ESAs). Hija għandha timmira li ttejjeb il-kwalità u l-konsistenza tas-superviżjoni nazzjonali, issaħħaħ is-sorveljanza ta' gruppi transkonfinali permezz tat-twaqqif ta' kulleġġi ta' superviżjoni u l-istabbiliment ta' ġabra unika Ewropea tar-regoli li tkun applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha fis-Suq Uniku. Filwaqt li jirrikonoxxi l-potenzjal jew ir-responsabbiltajiet kontinġenti li jistgħu jkunu involuti għall-Istati Membri, il-Kunsill Ewropew jenfasizza li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Awtoritajiet Ewropej ta' Superviżjoni m'għandhomx jaffettwaw bi kwalunkwe mod ir-responsabbiltajiet fiskali tal-Istati Membri. Soġġett għal dan u b'mod supplimentari għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill Ewropew jaqbel li s-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji għandu jkollha setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jkunu jorbtu u proporzjonali fir-rigward ta' jekk is-superviżuri jkunux qed jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom taħt ġabra unika tar-regoli u l-liġi Komunitarja rilevanti u f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn is-superviżur tal-pajjiż ta' domiċilju u ospitanti, inkluż fi ħdan il-kulleġġi tas-superviżuri. L-ESAs għandu jkollhom ukoll setgħat ta' superviżjoni għal aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza wkoll l-importanza li jiġi żgurat li l-qafas il-ġdid jappoġġa swieq finanzjarji tal-UE li jkunu sodi u kompetittivi.
21. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta, sa mhux aktar tard minn kmieni fil-ħarifa tal-2009, il-proposti leġislattivi biex jiġi stabbilit il-qafas il-ġdid tal-UE għas-superviżjoni, filwaqt li jiġi rispettata bis-sħiħ il-bilanċ ta' kompetenzi u responsabbiltà finanzjarja u b'kont sħiħ meħud tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2009. Jeħtieġ li dawn il-proposti jiġu adottati malajr sabiex il-qafas il-ġdid ikun stabbilit għal kollox matul l-2010. Il-Kunsill Ewropew ser janalizza l-progress matul il-laqgħa tiegħu f'Ottubru 2009 u jekk ikun meħtieġ ser jipprovdi direzzjoni ulterjuri.

22. Huwa importanti wkoll li jsir aktar progress fil-ħidma fuq il-bini ta' qafas transkonfini komprensiv għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet finanzjarji. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti konkreti dwar kif is-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji jista' jkollha rwol b'saħħtu ta' koordinatriċi fost is-superviżuri f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali fil-preżervazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u fil-ġestjoni ta' kriżijiet fir-rigward ta' konsegwenzi fiskali potenzjali u li jiġu rispettati bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-banek ċentrali, partikolarment fir-rigward tal-ġhoti ta' għajjnuna ta' likwidità f'emerġenza.
23. L-Unjoni Ewropea ser ikompli jkollha rwol ewlieni fil-livell globali, b'mod partikolari fi ħdan il-G20. Hija tappella lis-sħab internazzjonali tagħha biex jimplimentaw bis-sħiħ l-impenji mogħtija f'Washington u Londra, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġhoti ta' riżorsi addizzjonali għal istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u biex jaċċelleraw ir-riforma tal-qafas finanzjarju u regulatorju. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li titħejja bir-reqqa pożizzjoni koordinata tal-UE qabel is-Summit tal-G20 fl-24/25 ta' Settembru 2009. Huwa jappella wkoll lill-Preidenza u lill-Kummissjoni biex iqajmu l-kwistjoni tar-regolazzjoni u s-superviżjoni dinjija b'mod sistematiku fil-kuntatti tagħhom mas-sħab internazzjonali, inkluż fil-livell l-aktar għoli.
24. Fir-rigward tar-riżorsi tal-FMI, l-Istati Membri diġà ddikjaraw li huma lesti jipprovdu appoġġ temporarju rapidu għal ammont totali ta' EUR 75 billjun. Fil-prinċipju, l-Istati Membri jinsabu lesti li jassumu sehemhom għal aktar ħtiġiet ta' finanzjament, kif dawn jirriżultaw fuq perijodu medju f'konformità mal-piż ekonomiku tagħhom, kif rifless fis-sehem tagħhom, permezz tal-Arranġamenti Ġodda għas-Self, fil-kuntest tal-qsim ġust tal-piż fil-livell globali u bir-rikonoxximent tal-konnessjoni meħtieġa bejn il-kontribuzzjoni u r-rappreżentazzjoni. Sabiex tiżgura irkupru ġust u sostenibbli għal kulħadd, l-UE tirriafferma l-impenji tagħha għall-appoġġ ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jilhqnu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) u biex jiksbu l-miri rispettivi tagħna tal-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA).

Tisħiħ tal-isforzi biex jiġu appoġġati l-impjiegi

25. Il-ġlieda kontra l-qgħad tibqa' prijorità maġġuri. Filwaqt li l-azzjoni f'dan il-qasam hija l-ewwel u qabel kollox responsabbiltà tal-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea għandha rwol importanti fil-provvista u t-titjib tal-qafas komuni meħtieġ biex jiġi żgurat li l-miżuri li jittieħdu jkunu kkoordinati, jappoġġaw lil xulxin b'mod reċiproku u huma konformi mar-regoli tas-suq uniku. F'dan l-isforz jeħtieġ li nissalvagwardjaw u nsaħħu aktar il-protezzjoni soċjali, il-koeżjoni soċjali u d-drittijiet tal-ħaddiema.
26. Is-Summit informali dwar l-Impjiegi li sar fi Praga ddiskuta azzjonijiet konkreti biex jingħata appoġġ għas-solljev mill-konsegwenzi soċjali u fuq l-impjiegi tal-kriżi. Fil-kuntest ta' din id-diskussjoni ġew identifikati tliet oqsma prijoritarji li għandhom jirċievu attenzjoni partikolari, kemm fil-pakketti ta' rilanċ tal-Istati Membri kif ukoll fl-inizjattivi mnedija fil-livell Ewropew: (i) iż-żamma tal-impjiegi, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda u l-promozzjoni tal-mobbiltà; (ii) it-titjib tal-ħiliet u t-tlaqqigħ tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; (iii) it-tkabbir fl-aċċess għall-impjiegi.
27. Fis-sitwazzjoni attwali, il-"flessigurtà" hija mezz importanti biex tiġi mmodernizzata u mkattra l-adattabbiltà tas-swieq tax-xogħol. Għandha tingħata prijorità għat-tħejjija tas-swieq tax-xogħol għall-irkupru fil-futur: jinħoloq ambjent li jiffavorixxi l-intraprenditorija u l-ħolqien tal-impjiegi, isir investiment f'forza tax-xogħol iżjed imħarrġa, flessibbli u motivata u l-Ewropa tiġi ttrasformata f'ekonomija kompetittiva, ibbażata fuq l-għarfien, inklużiva, innovattiva u ekoeffiċjenti. Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-politiki ta' inklużjoni soċjali għandhom rwol ta' stabilizzaturi ekonomiċi awtomatiċi u ta' mekkaniżmi effettivi biex jittaffa l-impatt soċjali tar-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u biex in-nies jiġu mgħejjuna biex jerġgħu lura fis-suq tax-xogħol. Għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll lil dawk l-aktar vulnerabbli u lil riskji ġodda ta' esklużjoni.

III. Tibdil fil-klima u żvilupp sostenibbli

28. Wasal iż-żmien li l-komunità internazzjonali tiegħu l-impenji meħtieġa biex jiġi limitat it-tisħin globali għal inqas minn 2°C. Rispons koerenti għall-isfidi li jirriżultaw kemm mit-tibdil fil-klima kif ukoll mill-kriżi ekonomika u finanzjarja ser jgħid opportunitajiet għodda u jkun possibbli t-tqarrib lejn ekonomija baxxa fil-karbonju li tkun sigura u sostenibbli u kapaċi tiġġenera tkabbir u toħloq impjiegi għodda.
29. L-Unjoni Ewropea tappella għal darb' oħra lill-partijiet kollha biex jikkooperaw flimkien biex jintlaħaq ftehim ambizzjuż u komprensiv matul il-Konferenza ta' Kopenhagen u biex jitħaffew il-pass tan-negożjati għal dan il-għan. Hija tissottolinja r-rwol importanti tal-laqqhat internazzjonali ta' livell għoli għall-progress fid-diskussjonijiet u tistenna b'interess kontribut pożittiv mil-laqqhat li jmiss tal-Forum tal-Ekonomiji Ewlenin u l-G8 għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-proċess tal-Bidla fil-Klima. Biex tibni dan il-proċess globali l-UE intensifikat id-djalogu bilaterali tagħha dwar it-tibdil fil-klima ma' sħab internazzjonali ewlenin, inkluż matul summits reċenti maċ-Ċina, il-Ġappun, l-Istati Uniti, il-Kanada, ir-Repubblika tal-Korea u r-Russja.
30. L-Unjoni Ewropea hija lesta li jkollha rwol ewlieni f'dan il-proċess. Hija stess daħlet għal impenn ambizzjuż u legalment vinkolanti li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gass b'effett ta' serra b'20% sal-2020 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Dment li pajjiżi żviluppati oħra jidħlu għal impenji komparabbli fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u li pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkontribwixxu b'mod adegwat skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom, l-Unjoni hija impenjata, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2008, li żżid l-impenn tagħha għal 30%. L-isforzi li l-Unjoni tistenna mill-pajjiżi żviluppati u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk l-aktar avvanzati fosthom, sal-2020, huma mniżżla fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2009.

31. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2009. Il-pajjiżi kollha ħliet daww l-anqas żviluppati għandhom jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw abbażi ta' sistema ta' kontribut speċifika universali u komprensiva. Waħda mis-sejbiet ewlenin tal-ħidma preparatorja fil-Kunsill sa issa hija li l-prinċipji ewlenin tal-kontribut għandhom ikunu l-abilità li jsir ħlas u r-responsabbiltà għall-emissjonijiet¹. L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi l-iskala tal-isforz meħtieġ u, filwaqt li tissottolinja r-rwol primarju tal-finanzjament privat, ser tikkontribwixxi s-sehem ġust tagħha tal-appoġġ pubbliku internazzjonali għal azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament, partikolarment fil-pajjiżi l-anqas żviluppati. Il-mekkaniżmi ta' finanzjament għandhom kemm jista' jkun jibnu fuq l-istrumenti u l-istituzzjonijiet eżistenti - u jekk meħtieġ, strumenti u istituzzjonijiet riformati. Għandhom jiġu żgurati mekkaniżmi finanzjarji effiċjenti, effettivi u ekwi. Dan jimplika l-istabbiliment ta' strateġiji komprensivi għall-iżvilupp b'livell baxx ta' karbonju mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-istabbiliment ta' sistema komprensiva sabieħ jitekju, jiġu rrapportati u vverifikati l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni f'dawn il-pajjiżi.
32. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Preidenza li jmiss li tiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, programm ta' ħidma biex jiġi żgurat li hemm żmien biżżejjed għall-koordinazzjoni u t-tfassil ta' deċiżjonijiet interni tal-UE qabel laqgħat internazzjonali importanti bi thejjiġa għall-Konferenza ta' Kopenhagen ta' Diċembru. Huwa jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti, inkluż dwar il-finanzjament, malajr kemm jista' jkun u huwa lest, soġġett għall-iżviluppi fin-negozjati internazzjonali, li jieħu d-deċiżjonijiet adegwati fl-aspetti kollha tal-finanzjament fil-laqgħa tiegħu ta' Ottubru.
33. L-iżvilupp sostenibbli jibqa' objettiv fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jinkludi dimensjoni ekonomika, soċjali u ambjentali. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jeżamina r-rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli bil-ħsieb li jintlaħaq qbil malajr kemm jista' jkun dwar l-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati bi prijetà.

¹ Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-qsim tal-piż intern tal-UE li ser jiġi determinat fi żmien tajjeb qabel il-Konferenza ta' Kopenhagen.

34. Il-Kunsill Ewropew jappella li jsir progress rapidu fil-ħidma fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reġjun tal-Baħar Baltiku bil-ħsieb li tiġi adottata Strateġija dwar ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku fil-laqgħa tiegħu ta' Ottubru 2009. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija fil-Baltiku bħala kontribut maġġuri sabiex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta wkoll strateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju qabel it-tmiem tal-2010.
35. Is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tkompli tkun prijorità għall-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jinnotta bi tħassib il-problemi potenzjali f'dak li jirrigwarda l-provvista tal-gass mir-Russja permezz tal-Ukraina. Il-Kunsill Ewropew huwa konvint li l-partijiet kollha ser jonoraw l-impenji tagħhom sabiex tiġi evitata repetizzjoni tat-tfixkil fil-provvista tal-gass lill-UE u lill-Istati Membri tagħha. Il-Kunsill u l-Kummissjoni ser ikomplu jwettqu monitoraġġ u jivvalutaw bir-reqqa s-sitwazzjoni u ser jirrapportaw lill-Kunsill Ewropew kull darba li dan ikun xieraq. F'dan ir-rigward, hija ta' importanza ewlenija li l-UE tibqa' titkellem b'vuċi waħda mas-šhab tagħha, filwaqt li tibni fuq ir-riżultati miksuba fil-konferenzi tal-enerġija f'Budapest, Sofija u Praga.

B'kont ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim li ntlaħaq mill-Kunsill dwar id-Direttiva riveduta dwar il-Ħażniet taż-Żejt u jistenna b'interess il-preżentazzjoni f'waqtha mill-Kummissjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà fil-Provvisti tal-Gass bil-ħsieb li jintlaħaq qbil kemm jista' jkun malajr. Matul il-laqgħa tiegħu ta' Ottubru, il-Kunsill Ewropew ser janalizza l-progress fir-rigward tal-infrastrutturi u l-interkonnessjonijiet fil-qasam tal-enerġija kif ukoll rigward mekkaniżmi għall-kriżijiet, f'konformità mal-orjentazzjonijiet li kien qabel dwarhom f'Marzu li għadda.

IV. Immigrazzjoni illegali

36. L-avvenimenti reċenti f'Ċipru, il-Greċja, l-Italja u Malta jissottolinjaw l-urġenza li jissaħħu l-isforzi biex tiġi pprevenuta u miġġielda l-immigrazzjoni illegali b'mod effiċjenti mal-fruntieri marittimi tan-nofsinar tal-UE u b'hekk jiġu pprevenuti traġedji umani futuri. Huwa essenzjali li jkun hemm rispons Ewropew determinat ibbażat fuq is-sodezza, is-solidarjetà u r-responsabbiltà kondiviża, f'konformità mal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil u l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni. L-implimentazzjoni tagħhom għandha tiġi aċċellerata, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu. Jeħtieġ li jitkomplew l-attivitajiet kollha fir-reġjun tal-Punent tal-Mediterran u mal-fruntieri tal-lvant u tax-xlokk.
37. Fid-dawl tal-emerġenza umanitarja attwali, jeħtieġ li jiġu stabbiliti u implimentati malajr miżuri konkreti. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-koordinazzjoni ta' miżuri volontarji għar-riallokazzjoni interna ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jinsabu fl-Istati Membri esposti għal pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati u persuni vulnerabbli ħafna. Huwa jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tiegħu inizjattivi f'dan ir-rigward, u li tibda bi proġett pilota f'Malta. Huwa jhegġegħ lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jilhqqu qbil li jippermetti l-istabbiliment rapidu tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll il-ħtieġa li jissaħħu l-operazzjonijiet tal-kontroll tal-fruntieri kkoordinati minn FRONTEX, li jkun hemm regoli ċari ta' ħidma għall-pattuljar konġunt u l-iżbark ta' persuni salvati, u użu akbar ta' titjiriet konġunti ta' ritorn. F'dan il-kuntest huwa jappella għal azzjonijiet qawwijin biex jiġu miġġielda b'mod aktar effettiv il-kriminalità organizzata u n-networks kriminali involuti fit-traffikar tal-bnedmin.

38. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa għal tisħiħ sinifikattiv tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi maġġuri ta' oriġini u ta' transitu. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora kooperazzjoni konkreta ma' pajjiżi terzi f'konformità mal-mandati ta' qabel adottati mill-Kunsill. Jeħtieġ li l-effettività tal-ftehimiet tal-UE ta' riammissjoni tiżdied bħala parti mil-linji politiċi esterni ġenerali tal-UE. Il-konklużjoni tan-negożjati tal-ftehimiet tal-KE ta' riammissjoni mal-pajjiżi maġġuri ta' oriġini u ta' transitu bħal-Libja u t-Turkija hija prijorità; sadanittant, jeħtieġ li l-ftehimiet bilaterali diġà eżistenti jiġu implimentati b'mod adegwat.
39. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-Kunsill biex jieħu kont sew ta' dan ta' hawn fuq meta jħejji l-programm qafas pluriennali l-ġdid fil-qasam tal-Libertà, il-Ġustizzja u s-Sigurtà. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta aktar proposti għal-laqqgħa li ġejja tal-Kunsill Ewropew, abbażi ta' rispons adegwat għal dawn il-problemi.

V. Relazzjonijiet esterni

40. Il-Kunsill Ewropew adotta Dikjarazzjonijiet dwar il-Pakistan u l-Afganistan (Anness 5), Burma/il-Mjanmar (Anness 6), ir-RDPK (Anness 7) u l-Iran (Anness 8).
41. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tnedija tas-Sħubija tal-Lvant. Huwa jtenni l-konvinzjoni tiegħu li l-implimentazzjoni ulterjuri ta' din l-inizjattiva, kemm fid-dimensjoni bilaterali kif ukoll multilaterali tagħha, hija importanti u ta' benefiċċju reċiproku għall-UE u s-Sħab tal-Lvant, billi tgħin biex twassal il-prosperità u l-istabbiltà liċ-ċittadini tal-pajjiżi kollha involuti. Huwa jappella lill-Kummissjoni u lill-Presidenzi li ġejjin biex ikomplu l-ħidma tagħhom f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit ta' Praga tas-7 ta' Mejju 2009.

42. Il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani jibqa' prijorità ewlenija għall-UE fl-2009. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet adottati matul il-laqgħa tal-Kunsill tal-15 ta' Ġunju.
43. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-importanza strateġika tar-relazzjonijiet transatlantiċi kif enfasizzat fis-Summit informali UE-Stati Uniti li sar fi Praga fil-5 ta' April 2009. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dikjarazzjoni konġunta tal-15 ta' Ġunju 2009 dwar l-għeluq tal-faċilità ta' detenzjoni tal-Bajja ta' Gwantanamo, li jagħti impetu b'saħħtu ieħor għall-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu bbażata fuq valuri kondiviżi, id-dritt internazzjonali, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-fatt li l-Istati Uniti pproponiet li ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar kwistjonijiet fil-qasam tal-enerġija. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess li jtejjeb il-kooperazzjoni mal-Istati Uniti fl-oqsma tat-tibdil fil-klima, kwistjonijiet reġjonali, l-affarijiet ekonomiċi u l-iżvilupp.
-

ANNEX 1

DEĊIŻJONI TAL-KAPIJET TA' STAT JEW TA' GVERN TAS-27 STAT MEMBRU TAL-UE, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL EWROPEW, RIGWARD IT-TĦASSIB TAL-POPLU IRLANDIŻ DWAR IT-TRATTAT TA' LISBONA

Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, li l-Gvernijiet tagħhom huma firmatarji tat-Trattat ta' Lisbona,

Filwaqt li jieħdu kont tal-eżitu tar-referendum Irlandiż tat-12 ta' Ġunju 2008 dwar it-Trattat ta' Lisbona u tat-tħassib tal-poplu Irlandiż identifikat mit-Taoiseach,

Waqt li jixtiequ jindirizzaw dan it-tħassib f'konformità ma' dak it-Trattat,

Wara li kkunsidraw il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-11-12 ta' Diċembru 2008,

Qablu dwar id-Deċiżjoni li ġejja:

TAQSIMA A

ID-DRITT GĦALL-ĦAJJA, IL-FAMILJA U L-EDUKAZZJONI

Xejn fit-Trattat ta' Lisbona li jattribwixxi status legali lill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jew fid-dispożizzjonijiet ta' dak it-Trattat fil-qasam tal-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà ma jaffettwa bi kwalunkwe mod l-ambitu u l-applikabbiltà tal-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja fl-Artikolu 40.3.1, 40.3.2 u 40.3.3, il-protezzjoni tal-familja fl-Artikolu 41 u l-protezzjoni tad-drittijiet fir-rigward tal-edukazzjoni fl-Artikoli 42 u 44.2.4 u 44.2.5 ipprovduti mill-Kostituzzjoni tal-Irlanda.

TAQSIMA B

TASSAZZJONI

Ma hemm xejn fit-Trattat ta' Lisbona li jibdel bi kwalunkwe mod, għall-ebda Stat Membru, il-firxa jew l-operat tal-kompetenza tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-tassazzjoni.

TAQSIMA C

SIGURTÀ U DIFIŻA

L-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali hija ggwidata mill-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali.

Il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-Unjoni hija parti integrali mill-politika estera u ta' sigurtà komuni u tipprovdi lill-Unjoni b'kapaċità operattiva li twettaq missjonijiet barra mill-Unjoni għaż-żamma tal-paċi, għall-prevenzjoni tal-konflitti u sabiex tissaħħa is-sigurtà internazzjonali skont il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

Hija ma tippreġudikax il-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' kull Stat Membru, inkluża l-Irlanda, jew l-obbligi ta' kwalunkwe Stat Membru.

It-Trattat ta' Lisbona ma jaffettwax u lanqas ma jippreġudika l-politika tradizzjonali Irlandiża ta' newtralità militari.

Ser ikunu l-Istati Membri - inkluża l-Irlanda, filwaqt li taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà u mingħajr preġudizzju għall-politika tradizzjonali tagħha ta' newtralità militari - li jiddeterminaw n-natura tal-għajjnuna jew l-assistenza li għandha tiġi pprovduta lil Stat Membru li jkun is-suġġett ta' attakk terroristiku jew il-vittma ta' aggressjoni armata fit-territorju tiegħu.

Kwalunkwe deċiżjoni lejn difiża komuni ser teħtieġ deċiżjoni unanima tal-Kunsill Ewropew. Ikunu l-Istati Membri, inkluża l-Irlanda, li jiddeċiedu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona u mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, jekk jadottawx difiża komuni jew le.

Ma hemm xejn f'din it-Taqsima li jaffettwa jew jippreġudika l-pożizzjoni jew il-politika ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor dwar is-sigurtà u d-difiża.

Ikun wkoll kull Stat Membru li jiddeċiedi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona u kwalunkwe rekwiżit legali nazzjonali, jekk jipparteċipax f'kooperazzjoni strutturata permanenti jew fl-Aġenzija Ewropea tad-Difiża.

It-Trattat ta' Lisbona ma jipprevedix għall-ħolqien ta' armata Ewropea jew għal sejħa għal kwalunkwe formazzjoni militari.

Huwa ma jaffettwax id-dritt tal-Irlanda jew ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor li jiddetermina n-natura u l-volum tad-difiża u l-ispejjeż tas-sigurtà tiegħu u n-natura tal-kapaċitajiet ta' difiża tiegħu.

Ser ikun għall-Irlanda jew kwalunkwe Stat Membru ieħor li jiddeċiedi, f'konformità ma' kwalunkwe rekwiżit legali nazzjonali, jekk jipparteċipax fi kwalunkwe operazzjoni militari jew le.

TAQSIMA D

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Din id-deċiżjoni għandha jkollha effett mill-istess data tat-Trattat ta' Lisbona.

**DIKJARAZZJONI SOLENNI DWAR ID-DRITTJIET TAL-ĦADDIEMA, IL-POLITIKA
SOĊJALI U
KWISTJONIJIET OĦRA**

Il-Kunsill Ewropew jikkonferma l-importanza kbira li l-Unjoni tagħti:

- lill-progress soċjali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema;
- lis-servizzi pubbliċi;
- lir-responsabbiltà tal-Istati Membri fl-għoti tas-servizzi tal-edukazzjoni u tas-saħħa;
- lir-rwol essenzjali u d-diskrezzjoni wiesgħa tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-provvista, l-ikkummissjonar u l-organizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

Filwaqt li jagħmel dan, huwa jissottolinja l-importanza li jiġu rispettati l-qafas ġenerali u d-dispożizzjonijiet tat-Trattati tal-UE.

Biex jissottolinja dan, huwa jfakkar li t-Trattati, kif modifikati mit-Trattat ta' Lisbona:

- jistabbilixxu suq intern u jimmiraw li jaħdmu għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa bbażat fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal-livell massimu ta' impjieg u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent;
- jesprimu l-valuri tal-Unjoni;
- jirrikonoxxu d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji mniżżla fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

- jimmiraw li jiġġieldu kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u li jippromwovu l-promozzjoni tal-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal;
- jobbligaw l-Unjoni biex fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-linji ta' politika u l-azzjonijiet tagħha, tiegħu kont tar-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali adatta, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;
- jinkludu, bħala valur kondiviż tal-Unjoni, ir-rwol essenzjali u d-diskrezzjoni wiesgħa tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-provvista, l-ikkummissjonar u l-organizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali li jkunu qrib kemm jista' jkun tal-ħtiġiet tal-utenti;
- ma jaffettwaw bl-ebda mod il-kompetenza tal-Istati Membri li jipprovdu, jikkummissjonaw u jorganizzaw is-servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali;
- jipprevedu li l-Kunsill, meta jaġixxi fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, għandu jaġixxi b'mod unanimu meta jinnegozja u jikkonkludi ftehimiet internazzjonali fil-qasam tal-kummerċ f'servizzi soċjali, tal-edukazzjoni u tas-saħħa, fejn hemm riskju li dawn il-ftehimiet jikkawżaw disturb serju għall-organizzazzjoni nazzjonali ta' tali servizzi u jippreġudikaw ir-responsabbiltà tal-Istati Membri fil-provvista tagħhom; u
- jipprevedu li l-Unjoni tirrikonoxxi u tippromwovi r-rwol tal-imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni Ewropea, u tiffaċilita d-djalogu bejniethom, b'kont meħud tad-diversità tas-sistemi nazzjonali u b'rispett għall-awtonomija tal-imsieħba soċjali.

DIKJARAZZJONI NAZZJONALI MILL-IRLANDA

L-Irlanda tafferma mill-ġdid ir-rabta tagħha mal-miri u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, li tagħti r-responsabbiltà primarja għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

L-Irlanda tfakkar fl-impenn tagħha lejn il-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni Ewropea, kif approvat diversi drabi mill-poplu Irlandiż permezz ta' referendum.

L-Irlanda tikkonferma li l-parteċipazzjoni tagħha fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni Ewropea ma tippreġudikax il-politika tradizzjonali tagħha ta' newtralità militari. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jagħmilha ċara li l-politika ta' sigurtà u difiża tal-Unjoni ma għandhiex tippreġudika l-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri;

F'konformità mal-politika tradizzjonali tagħha ta' newtralità militari, l-Irlanda mhi marbuta bl-ebda impenn reċiproku ta' difiża. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jispeċifika li kwalunkwe deċiżjoni mill-Unjoni biex tgħaddi għal difiża komuni jkollha tittieħed b'deċiżjoni unanima tal-Istati Membri u tiġi adottata skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. Il-Kostituzzjoni tal-Irlanda tirrikjedi li jsir referendum dwar l-adozzjoni ta' kwalunkwe tali deċiżjoni applikabbli għall-Irlanda u dan ir-rekwiżit mhux ser ikun affettwat jekk l-Irlanda tirratifika t-Trattat ta' Lisbona.

L-Irlanda tttenni l-impenn tagħha lejn l-ideal tal-paċi u l-kooperazzjoni amikevoli bejn in-nazzjonijiet u lejn il-prinċipju ta' riżoluzzjoni paċifika ta' tilwim internazzjonali. Hija tafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tagħha lejn il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti u ż-żamma tal-paċi, u tfakkar fir-riżultati miksuba mill-persunal tagħha, kemm militari kif ukoll ċivili, f'dan ir-rigward.

Hija ttenni li l-parteċipazzjoni ta' kontinġenti tal-Forzi ta' Difiża Irlandiżi f'operazzjonijiet lil hinn minn xtutha, inklużi dawk imwettqa taħt il-politika ta' sigurtà u difiża komuni Ewropea tirrikjedi (a) l-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, (b) il-qbil tal-Gvern Irlandiż, u (c) l-approvazzjoni tad-Dáil Éireann, skont il-liġi Irlandiża.

L-Irlanda tinnota li ma hemm xejn li jobbligaha biex tipparteċipa f'kooperazzjoni strutturata permanenti kif previst fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Kwalunkwe deċiżjoni li tippermetti lill-Irlanda li tipparteċipa ser tirrikjedi l-approvazzjoni tad-Dáil Éireann skont il-liġi Irlandiża.

L-Irlanda tinnota wkoll li ma hemm xejn li jobbligaha li tipparteċipa fl-Aġenzija Ewropea tad-Difiża, jew fi proġetti jew programmi speċifiċi mnedija taħt l-awspiċi tagħha. Kwalunkwe deċiżjoni biex tipparteċipa f'tali proġetti jew programmi ser tkun soġġetta għal teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali u l-approvazzjoni tad-Dáil Éireann skont il-liġi Irlandiża. L-Irlanda tiddikjara li hija ser tipparteċipa biss f'dawk il-proġetti u programmi li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kapaċitajiet meħtieġa għall-parteċipazzjoni f'missjonijiet b'mandat min-NU għaż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-konflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, skont il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

Is-sitwazzjoni stabbilita f'din id-Dikjarazzjoni ma tiġix affettwata mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Jekk l-Irlanda tirratifika t-Trattat ta' Lisbona, din id-Dikjarazzjoni tiġi assoċjata mal-istrument ta' ratifika tal-Irlanda.

ANNEX 4

Miżuri transitorji li għandhom jittieħdu rigward il-kompożizzjoni u n-numru ta' membri tal-Parlament Ewropew

(a) It-18-il siġġu li ġejjin ser jiżdiedu mas-736 siġġu okkupat fl-elezzjonijiet tal-PE ta' Ġunju:

Bulgarija	1	Olanda	1
Spanja	4	Awstrija	2
Franza	2	Polonja	1
Italja	1	Slovenja	1
Latvja	1	Svezja	2
Malta	1	Renju Unit	1.

(b) Sabiex jimtlew dawg is-siġġijiet addizzjonali, l-Istati Membri kkonċernati ser jaħtru persuni, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom u bil-kondizzjoni li jkunu ġew eletti b'vot universali dirett, notevolment jew f'elezzjoni ad hoc, jew b'referenza għar-riżultati tal-elezzjonijiet Ewropej ta' Ġunju 2009, jew li n-numru rekwiżit ta' membri jiġi maħtur mill-parlament nazzjonali tagħhom, minn fost il-membri tiegħu¹.

¹ F'tali każ, għandha tapplika r-regola li tipprojbixxi li individwu jkollu aktar minn kariga waħda, prevista fl-Att li jikkonċerna l-elezzjoni ta' rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett.

DIKJARAZZJONI DWAR IL-PAKISTAN U L-AFGANISTAN

L-Unjoni Ewropea tagħti importanza kbira lill-istabbiltà u lis-sigurtà fl-Afganistan u fil-Pakistan u fir-reġjun usa'. L-Afganistan u l-Pakistan it-tnejn qed jiffaċċjaw sfidi kumplessi u urġenti. Waqt li l-UE tirrikonferma r-rabtiet speċifiċi tagħha maż-żewġ pajjiżi individwalment, xi wħud minn dawn l-isfidi huma interkonnessi mill-qrib u jistgħu jiġu solvuti biss permezz ta' kollaborazzjoni bejn dawk li huma involuti fl-istabbiltà, is-sigurtà u l-iżvilupp tar-reġjun. L-UE tilqa' u tkompli tappoġġa d-djalogu li qed jiżdied bejn il-Gvernijiet tal-Afganistan u l-Pakistan u tinkoraġġixxi aktar żvilupp tal-passi reċenti biex tittejjeb ir-relazzjoni tagħhom.

Pakistan

L-Unjoni Ewropea tilqa' l-eżitu b'suċċess tas-Summit reċenti bejn l-UE u l-Pakistan, li huwa pass importanti lejn l-iżvilupp ta' djalogu strateġiku. L-UE u l-Pakistan huma impenjati lejn l-oġettiv primarju tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u biex jikkumbattu r-radikalizzazzjoni. L-UE tirrikonoxxi l-progress ewlieni tal-Pakistan fit-tranżizzjoni lejn tmexxija ċivili demokratika u ser tkompli tgħin fil-bini tal-istituzzjonijiet biex jissaħħu aktar u jkunu rinforzati l-istrutturi demokratiċi fil-Pakistan. Il-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha biex tipprovdi EUR 72 miljun f'għajnuma umanitarja u biex tuża EUR 50 miljun iex tappoġġa r-riabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni u b'hekk l-appoġġ totali għal persuni spostati fil-Pakistan ikun ta' iktar minn EUR 120 miljun.

L-UE u l-Gvern tal-Pakistan issa ser jiffokaw fuq is-segwitu għas-Summit. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-iżvilupp ekonomiku sostenibbli għal aktar progress fil-Pakistan u tat-tisħiħ sinifikanti tar-relazzjoni għall-kummerċ tal-UE mal-Pakistan, inkluż permezz ta' ftehim possibbli ta' kummerċ ħieles fit-tul. L-UE ser ittejjeb id-djalogu ddedikat għall-kummerċ biex tippromwovi l-ħidma. L-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi mmirati biex tkun promossa l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fl-Asja t'Isfel u ser tinkoraġġixxi lill-Pakistan biex jiffaċilita l-kummerċ intrareġjonali, b'mod partikolari mal-Indja u l-Afganistan.

L-UE tilqa' l-intenzjoni tal-Pakistan biex iżid l-isforzi kontra t-terroriżmu u tirrikonoxxi s-sagrifiċċji li l-poplu u l-forzi armati tal-Pakistan qed jagħmlu notevolment waqt l-operazzjonijiet li għaddejjin fil-Provinċja tal-Fruntiera tal-Majjistral. L-Unjoni Ewropea tesprimi kunfidenza li eżitu b'suċċess isaħħaħ ħafna l-gvern elett demokratikament biex jilħaq l-oġettivi politiċi u ta' żvilupp tiegħu. L-UE tissottolinja l-importanza ta' rispons umanitarju immedjat għall-kriżi fis-Swat u hija lesta li tipprovdi aktar assistenza, sabiex tippermetti li l-persuni spostjati jirritornaw lejn djarhom. L-UE ser tappoġġa lill-Gvern tal-Pakistan fl-implimentazzjoni ta' pjan komprensiv ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni għar-reġjun.

Afganistan

L-UE tirriafferma l-impenn fit-tul tagħha biex tappoġġa lill-Afganistan fi triqta lejn is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità, waqt li tisħaq li r-responsabbiltà primarja għall-iżvilupp tal-pajjiż hija f'idejn l-awtoritajiet Afgani.

Waqt li tirrikonoxxi l-ambjent ta' sfida li fih ser isir l-ewwel proċess ta' elezzjonijiet immexxi mill-Afganistan, L-UE tagħti l-akbar importanza liż-żamma ta' elezzjonijiet presidenzjali u provinċjali kredibbli, inklużivi u sikuri fl-Afganistan f'konformità mal-istandards internazzjonali, li jsaħħu l-appoġġ tal-poplu Afgan fl-istituzzjonijiet tagħhom. Huwa partikolarment importanti li l-istat jeżerċita l-awtorità tiegħu b'imparzjalità u b'integrità biex ikun żgurat li l-ebda kandidat ma jkun żvantaġġjat b'mod inġust. Il-leġittimità politika hija fil-qalba ta' aktar progress fl-Afganistan. Il-politiċi Afgani għandhom rwol importanti billi jersqu lejn il-votanti u jinkoraġġixxu lill-Afgani biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jagħżlu l-mexxejja tagħhom billi jipparteċipaw fl-elezzjonijiet ta' Awwissu. L-UE tappella wkoll lill-kandidati jużaw il-perijodu ta' kampanja biex jippreżentaw manifesti politiċi li jinformaw u jimpenjaw lill-popolazzjoni fil-proċess politiku. Bħala parti mill-isforzi internazzjonali, L-UE tibqa' impenjata li tappoġġa l-elezzjonijiet u ser tiskjera grupp ta' osservaturi internazzjonali għall-Afganistan.

L-UE tibqa' impenjata li tippromwovi l-istat tad-dritt u l-governanza tajba fl-Afganistan u thegħeġ lill-Gvern tal-Afganistan biex jagħti l-ogħla prijorità biex jintlaħaq progress sinifikanti f'dan il-qasam, speċjalment fil-livell subnazzjonali. Il-bini tal-kapaċità u tas-sjieda Afgana, fil-pulizija kif ukoll fis-setturi ċivili, jibqa' fil-qalba tal-impenn tal-UE fl-Afganistan. F'dan ir-rigward, il-missjoni tal-pulizija tal-UE EUPOL Afghanistan hija kontribut prinċipali tal-impenn attiv tal-UE fl-Afganistan, li bħalissa għandha l-mandat li tiskjera 400 membru tal-persunal internazzjonali biex jimmonitoraw, jiggwidaw, jagħtu pariri u jħarrġu fil-qasam tal-pulizija u fl-istat tad-dritt usa'. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-prospett ta' skjerament tal-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea fl-Afganistan fi ħdan l-NTMA, bħala inizjattiva komplimentari fil-bini tal-kapaċità tal-pulizija. L-UE ser tkompli bl-impenn tagħha f'Marzu biex teżamina x'tista' tagħmel strateġikament u prattikament biex tinbena l-kapaċità Afgana fil-prestazzjoni tal-istat tad-dritt u biex tassisti lill-Gvern tal-Afganistan biex isaħħaħ ir-rispett tiegħu għad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza.

L-UE tenfasizza li l-Ftehim mal-Afganistan u l-Istrateġija Afgana għall-Iżvilupp Nazzjonali (ANDS) ikompli jipprovdu l-qafas rilevanti għall-iżvilupp politiku, soċjali u ekonomiku tal-Afganistan, bir-rwol ta' koordinazzjoni tal-UNAMA fiċ-ċentru tal-isforzi tal-komunità internazzjonali. F'dan ir-rigward, l-UE, bħala sieħba prinċipali għar-rikostruzzjoni u l-iżvilupp, bi ħsiebha ttejjeb u tikkonsolida l-impenji tagħha għall-Afganistan permezz tal-azzjonijiet tal-Komunità Ewropea u tal-Istati Membri.

DIKJARAZZJONI DWAR IL-BURMA/IL-MJANMAR

Il-Kunsill Ewropew jappella għall-ħelsien bla kondizzjonijiet immedjat ta' Aung San Suu Kyi, li mingħajr waqfien iddefendiet il-valuri universali tal-libertà u d-demokrazija. Jekk din ma tinħelisx, flimkien mal-priġunieri politiċi l-oħrajn kollha, il-kredibbiltà tal-elezzjonijiet tal-2010 ser tkun imminata aktar. L-UE ser twieġeb b'miżuri mmirati addizzjonali. Aħna nħeġġu lill-Burma/il-Mjanmar biex jibdew transizzjoni ġenwina lejn id-demokrazija li ggħib il-paċi u l-prosperità lill-poplu tiegħu.

F'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew jilqa' l-appelli ċari mill-pajjiżi ġirien għal proċess politiku liberu, ġust u inklużiv. Barra minn hekk, l-UE ttenni l-appoġġ qawwi tagħha għall-Missjoni tan-NU ta' Bon Offiċċji u għall-impenn personali tas-Segretarju Ġenerali Ban Ki Moon, inkluża ż-żjara bikrija tiegħu fil-Burma/il-Mjanmar.

DIKJARAZZJONI DWAR IR-REPUBBLIKA DEMOKRATIKA TAL-POPLU TAL-KOREA (RDPK)

Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa t-test nukleari l-aktar riċenti u l-isparar bl-użu ta' teknoloġija ta' missili ballistiċi mwettqa mir-RDPK. Dan il-ksur ta' riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà jippreżenta theddida kbira għall-paċi u l-istabbiltà fil-peniżola Koreana kif ukoll għas-sigurtà reġjonali u internazzjonali.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni unanima tar-Riżoluzzjoni 1874 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li ssaħħa is-sanzjonijiet internazzjonali lejn it-tmexxija tar-RDPK.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni Ewropea jittrasponu din ir-riżoluzzjoni b'mod robust u mingħajr dewmien biex jissaħħu l-miżuri koersivi mmirati lejn il-mexxejja tal-Korea ta' Fuq u l-entitajiet marbuta magħhom. Il-Kunsill Ewropew jinsisti dwar l-importanza ta' implimentazzjoni effiċjenti u rapida ta' dawn il-miżuri kollha, inklużi dawk immirati lejn spezzjonijiet tal-merkanziji diretti għal u/jew barra mir-RDPK.

Il-Kunsill Ewropew jappella lir-RDPK biex twaqqaf il-vjolazzjonijiet ta' riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, biex timplimentahom u biex tipparteċipa fi djalogu u kooperazzjoni, inkluż l-issuktar bikri tat-Taħditiet bejn Sitt Partijiet.

DIKJARAZZJONI DWAR L-IRAN

Il-Kunsill Ewropew approva l-Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fil-15 ta' Ġunju. Huwa enfasizza li l-eżitu tal-elezzjonijiet Iranjani għandu jirrifletti l-aspirazzjonijiet u l-għażliet tal-poplu tal-Iran. Il-Kunsill Ewropew tenna mill-ġdid li l-awtoritajiet Iranjani għandhom jinvestigaw kwistjonijiet dwar kif tmexxew l-elezzjonijiet.

L-Unjoni Ewropea qed tosserva bi tħassib serju r-rispons għall-protesti fl-Iran kollu. Hija tikkundanna b'mod qawwi l-użu tal-vjolenza kontra protestanti li rriżultat fit-telf ta' ħajjiet. Il-Kunsill Ewropew ħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani jiżguraw li l-Iranjani kollha jingħataw id-dritt tal-assemblea u li jesprimu lihom infushom b'mod paċifiku. L-awtoritajiet għandhom joqogħdu lura mill-użu tal-forza kontra dimostrazzjonijiet paċifiċi. Il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-azzjonijiet ripressivi kontra l-ġurnalisti, il-midja, il-komunikazzjoni u l-protestanti, li huma f'kuntrast mal-perijodu relattivament miftuħ u inkoraġġanti ta' qabel l-elezzjoni.

Il-Kunsill Ewropew enfasizza wkoll l-importanza li l-Iran juri impenn fil-komunità internazzjonali dwar il-kwistjonijiet kollha ta' tħassib, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjoni tal-programm nukleari tal-Iran, fi spirtu ta' rispett reċiproku u għarfien sħiħ tal-obbligi internazzjonali tal-Iran.

ANNEX 9

Dokumenti ta' referenza ppreżentati lill-Kunsill Ewropew

- Rapport dwar l-effettività tal-iskemi ta' appoġġ finanzjarju, adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Ġunju 2009 (10772/09 + ADD 1)
- Rapport dwar il-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku, adottat mill-Kunsill fid-9 ta' Ġunju 2009 (10771/09)
- Konklużjonijiet dwar il-finanzjament internazzjonali għal azzjoni dwar il-klima, adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Ġunju 2009 (10827/09)
- Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tas-superviżjoni finanzjarja tal-UE, adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Ġunju 2009 (10862/09)
- Konklużjonijiet dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, adottati mill-Kunsill fil-15 ta' Ġunju 2009 (11046/09)
- Rapport tal-Presidenza dwar il-PESD (10748/09)
- Konklużjonijiet dwar "Il-Kuxjenza Ewropea u t-Totalitariżmu" adottati mill-Kunsill fil-15 ta' Ġunju 2009 (10710/1/09 REV 1)
